# Ġabra tal-ġurisprudenza

**Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (Id-Disa' Awla) tas-16 ta' Diċembru 2021 – Fedasil**

**(Kawża C-505/21)** [1]

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Artikolu 53(2) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja – Politika tal-ażil – Kriterji u mekkaniżmi għad-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli għall-eżami tal-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali – Regolament (UE) Nru 604/2013 (Dublin III) – Artikolu 27 – Rimedji kontra d-deċiżjoni ta' trasferiment – Assenza ta' rabta bejn l-interpretazzjoni mitluba tad-dritt tal-Unjoni u r-realtà jew is-suġġett tal-kawża prinċipali – Inammissibbiltà manifesta"

*Domandi preliminari – Ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja – Limiti – Domandi manifestament irrilevanti u domandi ipotetiċi magħmula f'kuntest li jeskludi risposta utli – Assenjazzjoni ta' applikant għal protezzjoni internazzjonali fi struttura ta' akkoljenza speċifika li tikkostitwixxi miżura preparatorja għall-proċedura ta' eżekuzzjoni ta' deċiżjoni ta' trasferiment – Assenza ta' rabta bejn l-interpretazzjoni mitluba tad-dritt tal-Unjoni u r-realtà jew is-suġġett tal-kawża prinċipali – Inammissibbiltà manifesta*

*(Artikolu 267 TFUE; Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill Nru 604/2013, Artikolu 27)*

*(ara l-punti 38 sa 43, 48, 49, u d-dispożittiv)*

**Dispożittiv**

It-talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-tribunal du travail de Liège, division d'Arlon (it-Tribunal Industrijali ta' Liège, Sezzjoni ta' Arlon, il-Belġju), permezz ta' deċiżjoni tas-17 ta' Awwissu 2021, hija manifestament inammissibbli.

[1] ĠU C 412, 11.10.2011.